Għaqda tal-Għalliema tal-Ġeografija
Geography Teachers Association
Malta

Is-Segretarju – Anton Quintano | tel.: 21413243 / 79409888
Ċirkolari 4 / 2012 | 19 t'April 2012

# ĦARĠA GĦAL TAL-PAPA BIRŻEBBUĠA

## BARRIERA RIĠENERATA F'RABA SAQWI

**Nhar il-Ħadd 6 ta' Mejju 2012 fid-9.30 a.m.**
**Niltaqgħu ħdejn il-gazeebo max-xatt tal-Bajja s-Sabiħa, f'Birżebbuġa**
***Active Participant* – is-Sur Peter Cutajar**

Din l-art ilha tinħadem mill-inqas fuq tliet ġenerazzjonijiet mill-familja Cutajar. Illum fiha nsibu aktar minn mitejn siġra tal-frott li jinkludu żebbuġ, ċitru, lewż, ħawħ, noċiprisk, tin, bajtar, lanġas, tuffieħ u saħansitra ċirasa. Dawn, barra bħajra bi ħxejjex tal-kċina, serra u bosta xtieli aromatiċi. Din l-art kienet proprjetà tal-knisja u llum għaddiet f'idejn il-gvern iżda baqgħet imqabbla lill-familja Cutajar. Matul it-tieni gwerra dinjija tħaffru fil-blat ħames xelters, li llum jintużaw bħala ġwiebi għall-ilma tat-tisqija. Fl-2008 kienet f'periklu imminenti li tingħata għall-bini imma bl-isforzi tal-familja Cutajar, mgħejjuna minn diversi għaqdiet ambjentali non-governattivi, dan il-periklu issa tbiegħed. Napprezzaw u ngawdu din il-ħidma waqt din il-ħarġa li ddum madwar sagħtejn.

### *AVVIŻI OĦRA*

*Bħalma ġa qrajtu fiċ-ċirkolari ta' qabel, nhar il-Ġimgħa 27 t'April fil-5.30 p.m. qed titlaqqa' il-Laqgħa Ġenerali Bijennali fiċ-Ċentru tal-Kurrikulu, il-Mall, il-Floriana. Inħeġġukom biex tattendu. Se jkun hemm elezzjoni għal kumitat ġdid. Is-Sur Timothy Gambin se jagħti lecture b'power point presentation dwar l-arkeoloġija ta' taħt il-baħar madwar il-gżira ta' Ponza.*

*Kull min għadu ma ħallasx is-sħubija jibgħat ċekk ta' ħames Ewro bid-dettalji tiegħu / tagħha lit-teżoriera is-Sinjorina Rita DeBattista, 242 triq il-Kbira San Ġużepp, il-Ħamrun. Iċ-ċekk ikun pagabbli lis-Sinjorina Rita DeBattista.*